MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 550/2005

**Alastair McKinnon Wilson u b`digriet tal-Qorti ta` l-10 ta` Marzu, 2006 gew trasfuzi l-atti f`isem Alexandra Mary Wilson mart Alastair McKinnon Wilson peress li miet fil-mori tal-kawza u John Speakman u martu Mary Issit Mcneil Speakman**

**vs**

**Dr. Jeremy J. Debono bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti John u Agnes konjugi Black**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi li bih wara li ppremettew illi:

L-atturi l-konjugi Wilson huma l-proprjetarji tal-flat numru 23A Kortin Park, Triq N. Copernicus, il-Kortin, Mellieha.

L-atturi konjugi Speakman huma proprjetarji tal-flat numru 23, Kortin Park, Triq N. Copernicus, il-Kortin, Mellieha.

Il-konvenuti konjugi Black huma proprjetarji tal-flats numru 24 u 24A, Kortin Park, Triq N. Copernicus, il-Kortin, Mellieha.

Kortin Park huwa blokk ta` appartamenti li ghandu diversi partijiet komuni.

F`dan il-blokk hemm arkata li taghti ghal tarag li jwassal ghall-flats tal-atturi kif jidher mir-ritratt hawn ezebit u mmarkat Dok. ‘C’.

L-atturi minn mindu xtraw il-flattijiet rispettivi taghhom kellhom pussess ta` din l-arkata u l-pussess tat-tarag li jaghtu ghall-flattijiet taghhom.

Fid-9 ta` Mejju, 2005 il-konvenuti arbitrarjament, klandestinament u vjolentement installaw bieb tal-*‘alumimium’* f`din l-arkata u b`hekk imblukkaw il-passagg tal-atturi, kemm minn taht din l-arkata u kif ukoll mit-tarag fuq imsemmija, kif jidher mir-ritratt hawn ezebit u mmarkat Dok. ‘D’ u liema bieb qieghed jinzamm maghluq.

Il-konvenuti interpellati sabiex inehhu dan il-bieb baqghu in adempjenti.

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew spoll fil-konfront tal-atturi meta ghalqu l-arkata li taghti ghat-tarag li jwassal ghall-flats taghhom u dan billi installaw bieb tal-‘aluminium’ li qeghdin izommu maghluq.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti ipoggu kollox fl-istat prestin tieghu, biex b`hekk l-atturi jerghu jigu reintegrati fil-pussess tal-istess arkata u tarag li taghhom dejjem kellhom pussess minn mindu xtraw il-flats taghhom.

3. Tawtorizza lill-atturi, fin-nuqqas tal-konvenuti, jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji sabiex jitnehha l-istess bieb tal-'aluminium' a spejjez tal-istess konvenuti jekk hemm bzonn taht id-direzzjoni ta` perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn qalu illi:

1. Fl-ewwel lok l-azzjoni hija perenta u kwindi l-konvenut nomine ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ma jissussistux l-elementi rikjesti mill-ligi u mill-gurisprudenza sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi, u ghalhekk l-eccipjenti *nomine* ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-konvenut *nomine* ma` kkommetta ebda spoll u kwindi l-eccipjent *nomine* ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Fir-raba` lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ma kellhom ebda pussess la fattwalment u lanqas legalment tal-post in kwistjoni.

5. Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din il-kawza ta` spoll l-atturi qeghdin jipprocedu fil-konfront tal-konvenuti peress illi dawn allegatament imblukkaw passagg uzat mill-atturi.

Ikkunsidrat illi sabiex kawza ta` spoll ta` din in-natura tirnexxi, il-ligi, kif konstantement interpretata minn dawn il-Qrati, tirrikjedi tlett elementi essenzjali u cioe`:

1. il-pussess – fil-fehma tal-Qorti dan l-element gie pruvat. Id-diversi affidavit tal-atturi kollha jikkonfermaw illi l-passagg li gie maghluq mill-konvenuti kien jintuza mid-diversi atturi ghal zmien twil qabel ma gie maghluq mill-konvenuti. Fil-fatt, fix-xhieda taghhom l-istess konvenuti ghalkemm jirrakkontaw stejjer twal ta` dizgwidi ezistenti bejn il-partijiet ghal hafna zmien, ma jghidu xejn li b`xi mod jista` jirribatti dak ikkonfermat mill-attur ghar-rigward tal-pussess.

2. It-tieni element rikjest huwa n-nuqqas ta` volonta` ta` min ibati l-ispoll. Hawnhekk ukoll il-Qorti hija sodisfatta li dan l-element f`din il-kawza partikolarment gie pruvat. Il-konvenuti fl-affidavit estensivi taghhom taw sfond ta` piki u problemi bejn il-girien li wasslu ghat-twahhil tax-xatba minn wara dar l-atturi, liema xatba ma nqalghetx lanqas wara interpellazzjoni specifika.

3. fl-ahhar il-ligi tirrikjedi li azzjoni ta spoll tinbeda fi zmien xahrejn minn meta jsir l-allegat spoll. Ix-xatba in kwistjoni twahhlet fid-9 ta` Mejju, 2005. Hawnhekk ukoll, din id-data ma giet bl-ebda mod kontrastata u ghalhekk fil-kuntest, galadarba l-kawza giet prezentata fit-8 ta Gunju, 2005, il-Qorti ssib li dan l-ahhar element ukoll gie sodisfatt.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

1. tilqa` l-ewwel talba tal-atturi,
2. tilqa` t-tieni talba u tikkundanna l-konvenuti biex fi zmien xahar jesegwixxu x-xogholijiet necessarji biex jirrintegraw lill-atturi fil-pussess.

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xogholijiet necessarji huma a spejjez tal-istess konvenuti u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Godwin Abela li qed jigi nominat minn issa ghal dan l-iskop.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------